PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

20.11.2012 B7-0526/2012

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni f'Gaża
(2012/2883(RSP))

**Daniel Cohn-Bendit, Hélène Flautre, Jill Evans, Ana Miranda, Franziska Katharina Brantner, Nicole Kiil-Nielsen, Margrete Auken, Eva Joly, Malika Benarab-Attou, Raül Romeva i Rueda, Judith Sargentini, Ulrike Lunacek, Bart Staes, François Alfonsi, Keith Taylor, Jean-Jacob Bicep, Rui Tavares, Catherine Grèze**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**B7-0526/2012**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni f'Gaża (2012/2883(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Lvant Nofsani u b'mod partikolari dik tal-10 ta' Marzu 2010 dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet Goldstone dwar l-Iżrael/il-Palestina[1],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet dwar Ġaża tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-19 ta' Novembru 2012,

– wara li kkunsidra r-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949 dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Ċivili fi Żmien ta' Gwerra,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni A/HRC/S-9/1 dwar il-vjolazzjonijiet gravi tad-drittijiet tal-bniedem fit-Territorju Palestinjan Okkupat, b'mod partikolari minħabba l-attakki militari Iżraeljani ta' dan l-aħħar kontra l-Istrixxa ta' Gaża okkupata, adottata mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR) fit-12 ta' Jannar 2009 fid-Disa' Sessjoni Speċjali tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni A/HRC/RES/S-12/1 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Territorju Palestinjan Okkupat, inkluża Ġerusalemm tal-Lvant, adottata mill-UNHCR fis-16 ta' Ottubru 2009 fit-Tnax-il Sessjoni Speċjali tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE dwar Ġerusalemm tal-Lvant,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi bosta ġimgħat wara l-eskalazzjoni fil-fruntiera bejn Gaża u l-Iżrael u l-attakki dejjem aktar frekwenti bil-missili mill-Istrixxa ta' Gaża fuq in-Nofsinhar tal-Iżrael fl-14 ta' Novembru 2012, il-forzi Iżraeljani bdew operazzjoni militari msejħa 'Pilastru ta' Difiża', li tikkonsisti f'attakki mill-ajru, li jinkludu qtil immirat ta' mexxejja militari Palestinjani, u bumbardamenti, appoġġjati mill-flotta Iżraeljana bl-immirar tagħha fuq binjiet governattivi ta' Gaża, apparat ta' sigurtà, u uffiċċji tal-midja, li spiss jinsabu f'żoni ferm popolati;

B. billi 'l fuq minn 110 Palestinjani nqatlu b'dawn l-attakki mill-ajru, fil-parti l-kbira persuni ċivili, inklużi nisa u bosta tfal; billi l-isptarijiet f'Gaża ma jistgħux ilaħħqu mas-sitwazzjoni ta' emerġenza minħabba l-ammont kbir ta' persuni midruba u n-nuqqas ta' mediċini u ta' tagħmir mediku adegwat; billi ġie rrappurtat nuqqas ta' elettriku u ilma f'uħud miż-żoni tal-Istrixxa ta' Gaża, u dan kompla jagħmel is-sitwazzjoni prekarja aktar gravi;

[1] ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 34.

C. billi l-missili sparati mill-Istrixxa ta' Gaża kkawżaw il-mewt ta' tliet persuni ċivili Iżraeljani u darbu 'l fuq minn sittin ruħ, u waslu saħansitra sa Tel Aviv u l-belt ta' Ġerusalemm; billi dan it-tip ta' missili fuq distanza twila ġie fornut lill-Ħamas u lill-Jihad Islamiku mill-Iran;

D. billi din l-offensiva hija l-ewwel operazzjoni militari maġġuri li l-Iżrael għamel mill-attakk tal-2008-2009 fuq Gaża u r-rewwixti Għarab tal-2011; billi l-Prim Ministru Iżraeljan Netanyahu ħabbar li l-Iżrael huwa lest ikabbar il-kunflitt u jibgħat truppi tal-art f'Gaża jekk l-isforzi biex jiġi żgurat waqfien mill-ġlied ifallu, bl-awtorizzazzjoni tal-mobilitazzjoni ta' massimu ta' 75 000 riservista tal-armata; billi l-offensiva attwali tista' teskala f'kunflitt reġjonali fuq skala usa'; billi t-truppi Iżraeljani huma miġbura tul il-fruntiera, u dan iġib it-theddida ta' offensiva mill-art;

E. billi, bħala reazzjoni għall-attakk Iżraeljan, l-Eġittu rtira l-ambaxxatur tiegħu minn Tel Aviv u bagħat lill-Prim Ministru tiegħu Gaża fuq żjara ta' solidarjetà;

F. billi mill-2001 il-Ħamas u gruppi armati Palestinjani oħra tefgħu aktar minn 10 000 missila fuq in-Nofsinhar tal-Iżrael; billi l-Karta tan-NU, b'mod partikolari l-Artikolu 51 tagħha, tipprovdi b'mod espliċitu għad-dritt tad-difiża tal-persuna individwali u kollettiva f'każ ta' attakk armat;

G. billi, minkejja s-sejħiet internazzjonali, l-imblokk Iżraeljan fl-Istrixxa ta' Gaża ilu hemm mill-2007, bi kriżi umanitarja gravi li taffettwa l-popolazzjoni kollha tal-Istrixxa u b'titjib limitat fis-sitwazzjoni fix-Xatt tal-Punent;

H. billi ksur tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra jippermetti l-eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni universali għal delitti internazzjonali serji, bħal m'huma delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità, tortura u ġenoċidju;

I. billi n-negozjati bejn iż-żewġ naħat għal ftehim komprensiv tal-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina ġew sospiżi; billi l-espansjoni ta' insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt tal-Punent għaddejja kostantement, kif ġie ppruvat bil-pubblikazzjoni reċenti ta' sejħiet għal offerti għal aktar minn 1 200 unità ta' akkomodazzjoni fl-insedjamenti ta' Ramot u Pisgat Ze'ev;

J. billi t-tmiem tal-espansjoni ta' insedjamenti huwa meqjus min-naħa Palestinjana bħala prekundizzjoni biex it-taħdidiet jissuktaw; billi l-insedjamenti Iżraeljani fit-Territorji Okkupati huma illegali skont il-liġi internazzjonali u jipperikolaw b'mod irreversibbli s-soluzzjoni ta' żewġ stati;

K. billi fid-29 ta' Novembru l-President Mahmoud Abbas se jissottometti applikazzjoni fin-NU biex il-Palestina ssir "stat osservatur mhux membru"; billi dan l-istatus itejjeb il-possibilitajiet tal-Palestinjani li jingħaqdu ma' aġenziji tan-NU;

1. Jikkundanna bil-qawwa il-vjolenza li faqqgħet mill-ġdid fl-Istrixxa ta' Gaża u madwarha, u jitlob liż-żewġ partijiet biex iwaqqfu l-ġlied kollu, itemmu l-operazzjonijiet militari kollha u jaqblu immedjatament dwar waqfien mill-ġlied;

2. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-vittmi kollha, u jitlob li jsir sforz akbar biex il-persuni kollha affettwati mill-kunflitti jingħataw assistenza umanitarja, partikolarment fir-rigward

tas-sitwazzjoni ħażina kontinwa tal-popolazzjoni fl-istrixxa ta' Gaża;

3. Jilqa' l-isforzi tal-Eġittu biex jinnegozja tregwa permanenti bejn il-partijiet, kif ukoll il-missjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU fir-reġjun, u jistieden lill-VP/RGħ iżżid il-pressjoni diplomatika sabiex tappoġġja dawn l-azzjonijiet u b'hekk tikkontribwixxi biex ikunu suċċess;

4. Jitlob tmiem immedjat tal-imblokk Iżraeljan f'Gaża bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-assistenza umanitarja internazzjonali fl-Istrixxa u li jiġu rispettati d-dinjità u d-dritt ta' ġejjieni aħjar għall-poplu Palestinjan li jgħix hemm;

5. Iwissi li invażjoni Iżraeljana oħra tal-Istrixxa ta' Gaża jista' jkollha konsegwenzi enormi madwar il-Lvant Nofsani kollu, filwaqt li żżid fuq is-sitwazzjoni ta' tensjoni li diġà teżisti fir-reġjun;

6. Jenfasizza li r-rispett għal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali mill-partijiet kollha u fiċ-ċirkostanzi kollha jibqa' prekondizzjoni essenzjali sabiex tinkiseb paċi ġusta u dejjiema fil-Lvant Nofsani;

7. Ifakkar li d-dritt tad-difiża tal-persuna individwali u kollettiva f'attakk armat għandu jkun proporzjonat u bl-ebda mod ma jista' jistrieħ fuq atti indiskriminati ta' ritaljazzjoni li jirriżultaw fil-prattika f'kastigi kollettivi;

8. Itenni l-fehma tiegħu li m'hemmx alternattiva għal ftehim negozjat komprensiv tal-kunflitt li jwassal għal soluzzjoni b'żewġ stati, bi stat Iżraeljan u Palestinjan jgħixu ma' ġenb xulxin 'il ġeww minn fruntieri sikuri rikonoxxuti internazzjonaliment;

9. Jappoġġa, f'dan ir-rigward, it-tentattiv tal-Palestina biex issir osservatur fin-NU bla status ta' membru u jqis li dan ikun pass importanti biex ir-rivendikazzjonijiet tal-Palestinjani jsiru aktar viżibbli, qawwija u effikaċi; Jistieden lill-UE titkellem b'vuċi waħda u tapprova din l-applikazzjoni, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jivvotaw favuriha fl-Assemblea Ġenerali tan-NU;

10. Għal darb'oħra jitlob li l-insedjamenti Iżraejani fix-Xatt tal-Punent jiġu ffriżati, ukoll sabiex titwitta t-triq biex jissoktaw in-negozjati kostruttivi u sostanzjali bejn il-partijiet;

11. Jafferma mill-ġdid li t-titjib fil-livell tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżrael għandu jiddependi riġidament fuq ir-rispett strett tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali, inkluż it-tneħħija immedjata tal-imblokk fl-Istrixxa ta' Gaża, l-iffriżar totali fuq il-bini kollu tal-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent, inkluż il-Lvant ta' Ġerusalemm, u impenji u azzjonijiet reali mmirati lejn ftehim komprensiv ta' paċi u l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim Intermedjarju ta' Assoċjazzjoni KE-PLO;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Mibgħut tal-Kwartett għal-Lvant Nofsani, lill-Gvern Iżraeljan, lill-Knesset, lill-President tal-Awtorità Palestinjana, lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan u lill-korpi tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-

Mediterran.